# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tal-26 ta' Mejju 2016

Appell Nru: 485/2014

**Il-Pulizija**

**vs**

**Raymond Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Raymond Spiteri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 577365M talli fix-xahar ta' Gunju, 2014 u fix-xhur ta' qabel fl-inhawi tal-Imriehel, Birkirkara u f'kull hin tal-gurnata meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda: 1) Gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Charles Farr u persuni ohra b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna; u 2) talli fl-istess lok, data u

cirkostanzi sakkar jew gieghel jew ippermetta li xi annimal jissakkar f'xi post minghajr ma ha dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skond ic-cirkostanzi sabiex ma jhallix l-annimali iddejjqu lil girien permezz ta' nbieh jew tnewwieh jew xort' ohra u dan bi ksur tal-Art. 153 tal-Kap 10. Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat Raymond Spiteri sabiex inehhi mill-fond l-imsemmi annimali fi zmien moghti minn din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha wara li rat l-artikoli 252 (1)(a)(b) tal-Kap 9 u l-artikolu 153 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) akkuza u kkundannatu multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500) filwaqt li lliberatu mit-tieni (2) akkuza stante li ma kienitx ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Spiteri, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minn l-ewwel akkuza;

Rat is-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar 2016 li permezz taghha ddikjarat nulla u bla effett is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru 2014;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

1. Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 2016 din il-Qorti kienet hassret s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi minhabba li kienet karenti f'formalita' sostanzjali meta ndikat l-artikolu hazin tal-ligi li bih kien instab hati l-appellant. Naturalment dak it-thassir jirreferi biss ghall-dik il-parti tas-sentenza fejn kienet

instabet htija u mhux fejn l-appellant kien liberat fejn allura ma kienx hemm htiega li jkun indikat l-artikolu tal-ligi relevanti. L-Avukat Generali ma appellax mill-liberazzjoni tal-appellant mit-tieni imputazzjoni u ghalhekk jehtieg biss li tkun deciza mill-gdid l-ewwel imputazzjoni a tenur tal-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Il-kwistjoni hawn devoluta tirrigwarda inkonvenjent kawzat lil diversi girien konsistenti fi storbju (ilhieq ta' zewgt izwiemel u nbiegh ta' klieb) u intejjen derivanti minn nuqqas ta' indafa fiz-zamma ta' dawn l-annimali mill-imputat appellant. Jidher illi dawn iz-zwiemel u klieb qed jinzammu f'post fejn hu cirkondat b'residenzi b'mod illi il-btiehi u t-twieqi ta' diversi girien jaghtu ghall-fuqu. Dwar dan , l-prosekuzzjoni ghazlet illi timputa kontra l-appellant fatti li jirravizzaw r-reat kontemplat fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, dak tal-fastidju, oltre dak kontemplat fl-artikolu 153 tal-Kap 10, (inkonvenjent kawzat lill-girien minhabba zamma hazina ta' annimali), izda dwar dawn l-ahhar fatti, l-appellant kien liberat;

3. Mill-provi jemergi illi l-appellant izomm zewgt izwiemel u tlett iklieb f'remissa li ghandha parti minnha bla saqaf. Ix-xhieda kwerelanti spjegaw kif l-inbieh kontinwu tal-klieb, it-tisbit taz-zwiemel u l-irwejjah insapportabbli taghhom jaghmluha imposibbli ghalihom li jghixu hajja normali filli lanqas biss jistghu jifthu tieqa ghall-arja. Inghad minn uhud mix-xhieda illi z-zwiemel jinhargu biss darba fil-gimgha ghal siegha u l-kumulu ta' hmieg ta' dawn l-annimali huwa tassew ta' inkonvenjent kbir kif del resto murija fir-ritratti esebiti

4. Issa l-appellant fl-ewwel lok jecepixxi illi z-zmien imsemmi fic-citazzjoni huwa wiehed zbaljat. L-appellant huwa akkuzat talli fix-xahar ta' Gunju 2014 u fix-xhur ta' qabel meta l-affidavit ta' PS 1157 jghid illi l-kwerelanti ressqu l-ilment taghhom nhar it-30 ta' Mejju 2014. Ghad illi l-appellant huwa

teknikament korrett dwar dan u ma jistghax jinstab hati ta' fatti li sehhew f'Gunju , xorta wahda hemm imputati kontra tieghu fatti li sehhew fix-xhur ta' qabel u li ghalhekk, jekk il-kaz ikun pruvat, tista' tinsab htija dwar fatti li sehhew fix-xhur ta' qabel. L-appellant jecepixxi ulterjorment li c-citazzjoni tindika li l-allegati fatti sehhew fl-inhawi tal-Imriehel, B'Kara meta r-remissa in kwisjtoni ma tinsabx hemmhekk. Ezaminati l-atti jemergi illi PS 1157 xehed illi l-kwerelanti joqghodu magenb r-remissa tal-imputat li tinsab fil-fond 45, Triq l-Imriehel, B'Kara. Uhud mill-kwerelanti joqghodu fi Triq l-Imriehel, B'kara bil-bitha tal-imputat tmiss ma' taghhom u uhud joqghodu f'toroq ohra bil-btiehi taghhom vicin dik tal-imputat. Ma jistghax b'daqshekk l-appellant jargumenta illi l-allegat reat ma sehhx fl-inhawi tal-Imriehel, B'kara jekk anke r-remissa tieghu tinsab fi Triq l-Imriehel;

5. Fl-aggravji tieghu, l-appellant jargumenta illi huwa gia kien ghadda proceduri penali fuq l-istess fatti u kien liberat minnhom. Dak l-aggravju ser jitqies bhala eccezzjoni issa li l-kawza qed tinstema mill-gdid. Dwar dan, izda, l-appellant ma kkummenta xejn aktar u ma ressaq ebda prova ta' tali proceduri precedenti, kif kien tenut jaghmel sabiex l-eccezzjoni tieghu tkun konsiderata b'success. Ezaminati l-atti kollha, ma jirrizultax, kif jghid l-appellant li kien gia soggett ghall-proceduri fuq l-istess fatti u ghalhekk certament mhux indikat li jkunu ezaminati ulterjorment l-elementi tad-difiza ta' *ne bis in idem*;

6. Ikkunsidrat inoltre, illi l-fatti imputati kontra l-appellant fl-ewwel imputazzjoni huma dawk ravvizati fl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali. Wiehed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat huwa il-komportament ta' persuna almenu f'aktar minn okkazzjoni wahda b'mod illi incident izolat ma jistghax iwassal ghal sejbien ta' htija. Fil-kwistjoni hawn devoluta dan l-element huwa ben evidenti stante illi l-inkonvenjent ilu jippersisti ghal numru ta' snin. Sabiex jirrizulta dan ir-reat, izda, jehtieg prova ta' elementi ohra fosthom li kien hemm azzjoni kif ukoll li kien hemm l-intenzjoni tal-agent sabiex johloq fil-vittma dak ravvizat fl-istess artikolu.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament emergenti mis-sentenza deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Frar 2009 Il-Pulizija vs Massimo Tivisini. Wahda mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti meta trattat l-aspett tal-fastidju kienet is-segwenti: *Illi ghalkemm, kif jissotometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary – (7th. Edit) bhala:- Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsiderat "in isolation" b'referenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizja vs Alan Caruana Carabez [21.6.07] "… f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien.".*

7. Issa, minn dak li jemergi mill-atti processwali, jidher illi l-appellant ilu jzomm annimali, anke jekk mhux fi stat daqstant igeniku u san, fir-remissa tieghu u maz-zmien gie cirkondat b'diversi residenzi okkupati in parti mill-kwerelanti odjerni. Il-hsejjes ta' dawn l-annimali u l-hmieg taghhom, li apparentement idum ma jitnehha mill-appellant, huwa sors ta' inkonvenjent serju ghall-kwerelanti. Madankollu ma hemmx il-prova, anke ghaliex m'huwiex il-kaz, li l-appellant qieghed jaghmel hekk sabiex johloq dak il-fastidju ravvizat fl-artikolu 251A. L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop. Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-

annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju. Altrimenti l-fatt jirrizolvi ruhu f'wiehed purament ta' inkonvenjent prosegwibbli taht imputazzjoni diversa, kif fil-fatt gara, izda l-appellant kien liberat minn tali in prim'istanza.

8. Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha.